# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 91

Volum 61

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

9 ta' April 2018


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*


FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Avviż għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni** ..... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/548 tas-6 ta' April 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ..... 2

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/549 tas-6 ta' April 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana** ..... 11

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/550 tas-6 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa** ..... 13

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/551 tas-6 ta' April 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ..... 16

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/552 tas-6 ta' April 2018 li taġġorna r-referenzi fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti** ..... 27


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Rettifika**

★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma** (ĠU L 182, 16.7.1999) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Volum 4, p. 228) 30

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Avviż għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni [1]. Konsegwentement, dan il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 8 tiegħu, daħal fis-seħħ fl-4 ta' April 2018.

[1] ĠU L 258, 6.10.2017, p. 4.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/548

## tas-6 ta' April 2018

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fit-30 ta' Marzu 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU żied persuna u 21 entità mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi u indika 15-il bastiment għal iffriżar tal-assi, 25 bastimenti għal projbizzjoni fuq id-dħul fil-port u 12-il bastiment għal tneħħija tal-bandiera.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi XIII u XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi XIII u XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati kif imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ZAHARIEVA

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

*ANNESS*

1) Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3) kif tinsab fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2017/1509:

"(a) Persuni fiżiċi

| | Isem | Psewdonimu | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 80. | TSANG YUNG YUAN | Neil Tsang, Yun Yuan Tsang | Data tat-twelid: 20.10.1957<br>Numru tal-passaport: 302001581 | 30.3.2018 | Tsang Yung Yuan ikkoordina esportazzjoni ta' faħam tar-RDPK ma' sensar tar-RDPK li jopera f'pajjiż terz, u għandu passat ta' attivitajiet oħra ta' evażjoni ta' sanzjonijiet. |

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

| | Isem | Psewdonimu | Post | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 55. | CHANG AN SHIPPING & TECHNOLOGY | 長安海連技術有限公司;<br>CHANG AN SHIPPING AND TECHNOLOGY | Room 2105, DL1849, Trend Centre, 29-31 Cheung Lee Street, Chai Wan, Hong Kong, China | 30.3.2018 | Sid irreġistrat, maniġer tal-vapuri, u maniġer kummerċjali tal-bastiment bil-bandiera tal-Panama HUA FU, vapur tal-merkanzija li għabba faħam tar-RDPK fl-24 ta' Settembru, 2017. |
| 56. | CHONMYONG SHIPPING CO | CHON MYONG SHIPPING COMPANY LIMITED | Kalrimgil 2-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK; Saemaul 2-dong, Pyongchon-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat ta' CHON MYONG 1, bastiment bil-bandiera tar-RPDK li għamel trasferiment ta' fjuwil bejn vapuri lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017. |
| 57. | FIRST OIL JV CO LTD | | Jongbaek 1-dong, Rakrang-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid it-tanker PAEK MA tar-RDPK, li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri f'nofs Jannar 2018. |
| 58. | HAPJANGGANG SHIPPING CORP | | Kumsong 3-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker NAM SAN 8 tar-RDPK, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri, u sid il-bastiment HAP JANG GANG 6. |

| | Isem | Psewdonimu | Post | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 59. | HUAXIN SHIPPING HONGKONG LTD | 華信船務(香港)有限公司 | Room 2105, Trend Centre, 29-31 Cheung Lee Street, Chai Wan, Hong Kong, China | 30.3.2018 | Maniġer kummerċjali u tal-**vapur** tal-ASIA BRIDGE 1. Bastiment ta' Hong Kong, l-"ASIA BRIDGE 1" probabbli tqabbad fid-19 ta' Ottubru, 2017 minn Huaxin Shipping jagħmel tħejjijiet għad-dħul f'Nampo, ir-RDPK biex jirċievi kunsinna ta' faħam li kienet sejra l-Vjetnam. L-"ASIA BRIDGE 1" ngħata struzzjonijiet minn impjegat mhux identifikat ta' Huaxin Shipping Ltd. biex jagħmel tħejjijiet biex jirċievi 8 000 tunnellata faħam u mbagħad ibaħħar lejn Cam Pha, il-Vjetnam. Il-kaptan tal-bastiment ngħata struzzjonijiet biex jgħatti l-isem tal-vapur u sinjali oħra bil-kanvas waqt li kien fil-port ta' Nampo. |
| 60. | KINGLY WON INTERNATIONAL CO., LTD | | Trust Company Complex, Ajeltake Road, Ajeltake Island, Majuro MH 96960, Marshall Islands | 30.3.2018 | Fl-2017, Tsang Yung Yuan (magħruf ukoll bħala Neil Tsang) u Kingly Won ippruvaw jinvolvu ruħhom fi ftehim dwar iż-żejt stmat 'il fuq minn $1 miljun ma' kumpannija taż-żejt f'pajjiż terz biex jittrasferixxu b'mod illeċitu lejn ir-RDPK. Kingly Won aġixxa ta' sensar għal dik il-kumpannija taż-żejt u kumpannija Ċiniża li kellmet lil Kingly Won biex tixtri żejt tal-baħar f'isimha. |
| 61. | KOREA ACHIM SHIPPING CO | | Sochang-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker CHON MA SAN tar-RDPK. CHON MA SAN li għandu bandiera tar-RDPK ħejja għal operazzjonijiet probabbli ta' trasferiment bejn il-vapuri lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. Il-kaptan tat-tanker bil-mutur YU JONG 2 bil-bandiera tar-RDPK irrapporta fit-18 ta' Novembru 2017 lil kontrollur mhux identifikat ibbażat fir-RDPK li l-bastiment kien qed jevita maltempata qabel trasferiment bejn il-vapuri. Il-kaptan issuġġerixxa li YU JONG 2 jgħabbi ż-żejt tal-fjuwil qabel it-tanker CHON MA SAN bil-bandiera tar-RDPK peress li d-daqs ikbar ta' CHON MA SAN kien aħjar biex isiru trasferimenti bejn il-vapuri f'maltempata. Wara li CHON MA SAN għabba ż-żejt tal-fjuwil minn bastiment, YU JON 2 għabba 1 168 kilolitru ta' żejt tal-fjuwil fid-19 ta' Novembru 2017 permezz ta' operazzjoni ta' trasferiment bejn il-vapuri. |
| 62. | KOREA ANSAN SHIPPING COMPANY | KOREA ANSAN SHPG COMPANY | Pyongchon 1-dong, Pyongchon-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker AN SAN 1 tar-RDPK li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt bejn il-vapuri. |

| | Isem | Psewdonimu | Post | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 63. | KOREA MYONGDOK SHIPPING CO | | Chilgol 2-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tal-YU PHYONG 5. Lejn l-aħħar ta' Novembru 2017, il-YU PHYONG 5 għamel trasferiment bejn il-vapuri ta' 1 721 tunnellata metrika ta' żejt tal-fjuwil. |
| 64. | KOREA SAMJONG SHIPPING | | Tonghung-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tankers tar-RDPK SAM JONG 1 u SAM JONG 2. Iż-żewġ bastimenti huma maħsuba li importaw żejt raffinat lejn ir-RDPK bi ksur tas-sanzjonijeit tan-NU lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. |
| 65. | KOREA SAMMA SHIPPING CO | | Rakrang 3-dong, Rakrang-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Tanker bil-bandiera tar-RDPK, SAM MA 2 ta' Korea Samma Shipping Company, għamel trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri u ffalsifika dokumenti f'nofs Ottubru 2017 meta għabba kważi 1 600 tunellata ta' żejt tal-fjuwil fi transazzjoni waħda. Il-kaptan tal-vapur ngħata struzzjonijiet li jħassar SAMMA SHIPPING u l-kliem Korean li kien jinsab fuq is-siġill tal-vapur u minflok ipoġġi "Hai Xin You 606" biex jaħbi l-identità tiegħu bħala bastiment tar-RDPK. |
| 66. | KOREA YUJONG SHIPPING CO LTD | | Puksong 2-dong, Pyongchon-guyok, Pyongyang, DPRK;<br>Numru OMI tal-kumpannija 5434358 | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker tar-RDPK YU JONG 2, li għabba 1 168 kilolitru ta' żejt tal-fjuwil fid-19 ta' Novembru 2017 permezz ta' operazzjoni ta' trasferiment bejn il-vapuri. |
| 67. | KOTI CORP | | Il-Belt tal-Panama, il-Panama | 30.3.2018 | Maniġer tal-vapur u maniġer kummerċjali tal-bastiment KOTI bil-bandiera tal-Panama, li għamel trasferimenti bejn il-vapuri ta' prodotti probabbli taż-żejt lil KUM UN SAN 3 bil-bandiera tar-RDPK fid-9 ta' Diċembru 2017. |
| 68. | MYOHYANG SHIPPING CO | | Kumsong 3-dong, Mangyondae-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Maniġer tal-vapur tat-tanker YU SON tar-RDPK ta' prodotti taż-żejt, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt bejn il-vapuri. |
| 69. | PAEKMA SHIPPING CO | Care of First Oil JV Co Ltd | Jongbaek 1-dong, Rakrang-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker PAEK MA tar-RDPK, li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri f'nofs Jannar 2018. |
| 70. | PHYONGCHON SHIPPING & MARINE | PHYONGCHON SHIPPING AND MARINE | Otan-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK | 30.3.2018 | Sid irreġistrat tat-tanker JI SONG 6 tar-RDPK, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. Il-kumpannija hi wkoll is-sid **tal-bastimenti** JI SONG 8 u WOORY STAR. |

| | Isem | Psewdonimu | Post | Data tad-deżinjazzjoni min-NU | Informazzjoni oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| 71. | PRO-GAIN GROUP CORPORATION | | Le Sanalele Complex, Ground Floor, Vaea Street, Saleufi, Apia, Samoa | 30.3.2018 | Kumpannija ta' Tsang Yung Yuan u kkontrollata minnu u involuta fi trasferimenti illeċiti ta' faħam tar-RDPK. |
| 72. | SHANGHAI DONGFENG SHIPPING CO LTD | 沈忠國際海運有限公司 | Room 601, 433, Chifeng Lu, Hongkou Qu, Shanghai, 200083, China | 30.3.2018 | Sid irreġistrat, maniġer tal-vapuri u kummerċjali tad-DONG FENG 6, bastiment li għabba faħam f'Hamhung, ir-RDPK fil-11 ta' Lulju 2017 għal esportazzjoni bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU. |
| 73. | SHEN ZHONG INTERNATIONAL SHIPPING | | Unit 503, 5th Floor, Silvercord Tower 2, 30, Canton Road, Tsim Sha Tsui, Kowloon, Hong Kong, China | 30.3.2018 | Maniġer kummerċjali u tal-vapuri ta' HAO FAN 2 u HAO FAN 6, bastimenti bil-bandiera ta' Saint Kitts u Nevis. HAO FAN 6 għabba faħam f'Nampo, ir-RDPK fis-27 ta' Awwissu 2017. HAO FAN 2 għabba faħam tal-Korea ta' Fuq f'Nampo, ir-RDPK fit-3 ta' Ġunju 2017. |
| 74. | WEIHAI WORLD-SHIPPING FREIGHT | | 419-201, Tongyi Lu, Huancui Qu, Weihai, Shandong 264200, China | 30.3.2018 | Maniġer kummerċjali u tal-vapur ta' XIN GUANG HAI, bastiment li għabba faħam f'Taean, ir-RDPK fis-27 ta' Ottubru 2017 u kellu Valutazzjoni Teknika Ewropea fl-14 ta' Novembru 2017 għal Cam Pha, il-Vjetnam, iżda ma wasalx u minflok mar f'Port Klang, il-Malasja fit-18 ta' Diċembru 2017. |
| 75. | YUK TUNG ENERGY PTE LTD | | 17-22, UOB Plaza 2, Raffles Place, Singapore 048624, Singapore | 30.3.2018 | Maniġer kummerċjali u tal-vapur ta' YUK TUNG, li għamel trasferiment bejn il-vapuri ta' prodotti ta' żejt raffinat." |

2) Il-bastimenti li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi stipulati fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) 2017/1509 taħt l-intestatura "A. Bastimenti soġġetti għal sekwestru":

"1. **Isem: CHON MYONG 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8712362

2. **Isem: AN SAN 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 7303803

3. **Isem: YU PHYONG 5**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8605026

4. **Isem: SAM JONG 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8405311

5. **Isem: SAM JONG 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 7408873

6. **Isem: SAM MA 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8106496

7. **Isem: YU JONG 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8604917

8. **Isem: PAEK MA**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9066978

9. **Isem: JI SONG 6**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8898740

10. **Isem: CHON MA SAN**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8660313

11. **Isem: NAM SAN 8**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8122347

12. **Isem: YU SON**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8691702

13. **Isem: WOORY STAR**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8408595

14. **Isem: JI SONG 8**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8503228

15. **Isem: HAP JANG GANG 6**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9066540"

3) Il-bastimenti li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi stipulata fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) 2017/1509 taħt l-intestatura "B. Bastimenti li huma pprojbiti jidħlu fil-portijiet":

"9. **Isem: CHON MYONG 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8712362

10. **Isem: AN SAN 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 7303803

11. **Isem: YU PHYONG 5**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8605026

12. **Isem: SAM JONG 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8405311

13. **Isem: SAM JONG 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 7408873

14. **Isem: SAM MA 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8106496

15. **Isem: YU JONG 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8604917

16. **Isem: PAEK MA**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9066978

17. **Isem: JI SONG 6**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8898740

18. **Isem: CHON MA SAN**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8660313

19. **Isem: NAM SAN 8**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8122347

20. **Isem: YU SON**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8691702

21. **Isem: WOORY STAR**

*Informazzjoni addizzjonali*

22. **Isem: ASIA BRIDGE 1**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8916580

23. **Isem: XIN GUANG HAI**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9004700

24. **Isem: HUA FU**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9020003

25. **Isem: YUK TUNG**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9030591

26. **Isem: KOTI**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9417115

27. **Isem: DONG FENG 6**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 9008201

28. **Isem: HAO FAN 2**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8747604

29. **Isem: HAO FAN 6**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8628597

30. **Isem: JIN HYE**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8518572

31. **Isem: FAN KE**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8914934

32. **Isem: WAN HENG 11**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: 8791667

33. **Isem: MIN NING DE YOU 078**

*Informazzjoni addizzjonali*

OMI: ma jeżistix”

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/549

## tas-6 ta' April 2018

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-oġġetti, (minn hawn 'il quddiem in-"Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), li hija stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) In-nota addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tan-Nomenklatura Magħquda tiddefinixxi l-"ġulepp tal-inulina" għall-finijiet tas-subintestaturi 1702 60 80 u 1702 90 80. Dan huwa prodott immedjat miksub mill-idroliżi tal-inulina jew tal-oligofruttożi, li fl-istat xott ikun fih ammont definit ta' fruttożju fil-forma ħielsa jew bħala sukrożju.

(3) Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 u l-Artikolu 7(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-"Test ta' Profiċjenza dwar iz-Zokkor u Prodotti li Fihom iz-Zokkor 2016" ([3]) sar fil-qafas tal-Azzjoni 2 ([4]) tan-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Doganali. Dan kixef li l-laboratorji doganali tal-Unjoni jinterpretaw il-frażi "fruttożju f'forma ħielsa jew bħala sukrożju" li tissemma fin-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 b'mod differenti.

(4) It-test ta' dik in-nota Addizzjonali jenħtieġ għalhekk li jiġi ċċarat. Il-kwantità ta' zokkor preżenti — espress fuq il-materja xotta - jenħtieġ li jiġi determinat permezz tal-metodu ta' Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja, li huwa l-aktar metodu preċiż disponibbli.

(5) Fl-interess taż-żamma ta' ċertezza ġuridika, huwa meħtieġ li dik in-nota Addizzjonali tiġi emendata biż-żieda ta' paragrafu ġdid lit-test eżistenti.

(6) Biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda madwar l-Unjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' ġulepp tal-inulina kopert mis-subintestaturi tan-NM 1702 60 80 u 1702 90 80, jenħtieġ li n-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tan-Nomenklatura Magħquda tiġi emendata.

(7) Għalhekk, l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fin-Nota Addizzjonali 6 tal-Kapitolu 17 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stipulata fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

*"Il-kwantità ta' "fruttożju f'forma ħielsa jew bħala sukrożju" għandha tiġi determinata permezz tal-formula F + 0,5 S/0,95 kkalkulata fuq il-materja xotta, fejn "F" huwa l-kontenut ta' fruttożju u "S" huwa l-kontenut ta' sukrożju, kif determinat mill-metodu ta' Kromatografija Likwida bi Prestazzjoni Għolja.".*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014–2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni 624/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209).
([3]) Rapport finali maħruġ fl-24 ta' April 2017 mill-Kummissjoni Ewropea u mqassam lin-Netwerk Ewropew tal-Laboratorji Doganali.
([4]) L-Azzjoni 2 tittratta paraguni reċiproki u validazzjonijiet tal-metodi tal-laboratorji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/550

## tas-6 ta' April 2018

## li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ([2]) stabbilixxa nomenklatura tal-prodotti msejħa "Nomenklatura Magħquda", biex jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u politiki oħra tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti.

(2) Sabiex jitlestew ċerti entrati tad-dejta fil-messaġġi skambjati għall-finijiet tal-Artikoli 21 sa 25 tad-Direttiva 2008/118/KE, għandhom jintużaw il-kodiċi elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 ([3]).

(3) Il-prodotti soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE ([4]) huma deskritti b'referenzi għall-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2001 ([5]).

(4) Ċerti prodotti tal-enerġija huma elenkati fil-punt 11 tat-tabella (Prodott tas-sisa) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 u huma deskritti b'referenzi għall-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tar-Regolament (KE) Nru 2031/2001.

(5) Skont l-emendi tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li ġew introdotti l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 ([6]), il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti tal-enerġija msemmija fid-Direttiva 2003/96/KE ġew sostitwiti b'kodiċi ġodda.

(6) Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/552 ([7]), il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti tal-enerġija soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/96/KE ġew aġġornati fid-dawl tal-bidliet tan-Nomenklatura Magħquda, li ġew introdotti l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1925.

(7) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda użati biex jiddeskrivu l-prodotti tal-enerġija elenkati fil-punt 11(Prodott tas-sisa) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 huma l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li ssir referenza għalihom fid-Direttiva 2003/96/KE, kif aġġornati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/552.

(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/60/KE ([8]) ma teħtieġx l-applikazzjoni tal-markatur fiskali komuni għall-karburant tal-ġett li jaqa' fil-kodiċi NM 2710 19 21. Għalhekk, jenħtieġ li dan il-kodiċi ma jintużax biex jiddeskrivi l-pitrolju mmarkat.

([1]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2031/2001 tas-6 ta' Awwissu 2001 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 279, 23.10.2001, p. 1).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 282, 31.10.2017, p. 1).
([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/552 tas-6 ta' April 2018 li taġġorna r-referenzi fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti (ara l-paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/60/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar l-immarkar fiskali tan-nafta u tal-pitrolju (ĠU L 291, 6.12.1995, p. 46).

(9) Id-deskrizzjoni għal kodiċi ta' prodott tas-sisa E490 tirreferi għal firxa wiesgħa ta' kodiċi NM, iżda ftit huma dawk li jenħtieġ li jkunu koperti b'dan il-kodiċi ta' prodott tas-sisa skont l-Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE. Għalhekk id-deskrizzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi ċċarata sabiex jiġu elenkati l-kodiċi NM rilevanti biss.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 684/2009 jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-punt 11 tat-tabella (Prodott tas-sisa) tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009, ir-ringieli bil-prodotti tas-sisa bil-kodiċi minn E410 sa E490 u l-kodiċi E910 u E920 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| EPC | CAT | UNITÀ | Deskrizzjoni | A | P | D |
|---|---|---|---|---|---|---|
| E410 | E | 2 | Petrol biċ-ċomb li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 12 31, 2710 12 51 u 2710 12 59 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E420 | E | 2 | Petrol mingħajr ċomb li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 12 31, 2710 12 41, 2710 12 45 u 2710 12 49 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E430 | E | 2 | Żejt tal-gass, mhux immarkat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 43, 2710 19 46, 2710 19 47, 2710 19 48, 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17 u 2710 20 19 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E440 | E | 2 | Żejt tal-gass, immarkat li jaqa' taħt il-kodiċi 2710 19 43, 2710 19 46, 2710 19 47, 2710 19 48, 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17 u 2710 20 19 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E450 | E | 2 | Pitrolju, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 21 u l-pitrolju mhux immarkat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 25 (Artikolu 20(1)(c) tad-Directive 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E460 | E | 2 | Pitrolju, immarkat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 25 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
| E470 | E | 1 | Żejt karburanti tqil li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2710 19 62, 2710 19 64, 2710 19 68, 2710 20 31, 2710 20 35 u 2710 20 39 (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | N |
| E480 | E | 2 | Prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 12 21, 2710 12 25, 2710 19 29 u 2710 20 90 (għall-prodotti biss li minnhom inqas minn 90 % tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'210 °Ċ u 65 % jew iktar tal-volum (inkluż telf) jiddistilla f'250 °Ċ bil-metodu ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86), f'movimenti kummerċjali bl-ingrossa (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |

| EPC | CAT | UNITÀ | Deskrizzjoni | A | P | D |
|---|---|---|---|---|---|---|
| E490 | E | 2 | Prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 12 11, 2710 12 15, 2710 12 70, 2710 12 90, 2710 19 11, 2710 19 15, 2710 19 31, 2710 19 35, 2710 19 51 u 2710 19 55. (Artikolu 20(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE) | N | N | Y |
